TRIBUNAL DE JUSTICIA DE LAS COMUNIDADES EUROPEAS
SOUDNÍ DVŮR EVROPSKÝCH SPOLEČENSTVÍ
DE EUROPÆISKE FÆLLESSKABERS DOMSTOL
GERICHTSHOF DER EUROPÄISCHEN GEMEINSCHAFTEN
EUROOPA ÜHENDUSTE KOHUS
ΔΙΚΑΣΤΗΡΙΟ ΤΩΝ ΕΥΡΩΠΑΪΚΩΝ ΚΟΙΝΟΤΗΤΩΝ
COURT OF JUSTICE OF THE EUROPEAN COMMUNITIES
COUR DE JUSTICE DES COMMUNAUTÉS EUROPÉENNES
CÚIRT BHREITHIÚNAIS NA gCÓMHPHOBAL EORPACH
CORTE DI GIUSTIZIA DELLE COMUNITÀ EUROPEE
EIROPAS KOPIENU TIESA

CVRIA
LUXEMBOURG

EUROPOS BENDRIJŲ TEISINGUMO TEISMAS
EURÓPAI KÖZÖSSÉGEK BÍRÓSÁGA
IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ
HOF VAN JUSTITIE VAN DE EUROPESE GEMEENSCHAPPEN
TRYBUNAŁ SPRAWIEDLIWOŚCI WSPÓLNOT EUROPEJSKICH
TRIBUNAL DE JUSTIÇA DAS COMUNIDADES EUROPEIAS
SÚDNY DVOR EURÓPSKYCH SPOLOČENSTIEV
SODIŠČE EVROPSKIH SKUPNOSTI
EUROOPAN YHTEISÖJEN TUOMIOISTUIN
EUROPEISKA GEMENSKAPERNAS DOMSTOL

Stampa u Informazzjoni

**KOMUNIKAT STAMPA Nru 88/04**

2 ta' Novembru 2004

# IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA ADOTTA D-DEĊIŻJONI LI TWAQQAF IT-TRIBUNAL TAL-FUNZJONI PUBBLIKA TA' L-UNJONI EWROPEA

*Deċiżjoni li tikkostitwixxi pass importanti fl-implimentazzjoni tat-Trattat ta' Nizza*

It-Trattat ta' Nizza[1] ipprovda għat-twaqqif ta' awli ġurisdizzjonali f'ċerti oqsma speċifiċi[2]. Fuq din il-bażi, il-Kunsill illum adotta d-deċiżjoni li twaqqaf it-Tribunal tal-Funzjoni Pubblika ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan it-Tribunal speċjalizzat ġdid, kompost minn sebat imħallfin, sejjer ikun imsejjaħ sabiex jiddeċiedi fuq il-kontestazzjonijiet tal-funzjoni pubblika ta' l-Unjoni Ewropea, kompetenza illi attwalment qiegħda tiġi eżerċitata mill-Qorti tal-Prim'Istanza. Mid-deċiżjonijiet ta' dan it-Tribunal ikun jista' jsir appell, limitat għall-punti ta' dritt, lill-Qorti tal-Prim'Istanza u, eċċezzjonalment ikun jista' jsir ri-eżami mill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-twaqqif tat-Tribunal tal-Funzjoni Pubblika ta' l-Unjoni Ewropea, illi għandu jibda jaħdem matul is-sena 2005, jikkostitwixxi pass importanti fl-implimentazzjoni tar-riformi tas-sistema ġudizzjarja previsti mit-Trattat ta' Nizza. Dan sejjer jippermetti illi jitnaqqas iż-żmien tal-proċeduri u sejjer itejjeb it-tmexxija tal-kawżi, mhux biss dawk il-kawżi dwar il-funzjoni pubblika Europea, iżda ukoll il-kontestazzjonijiet kollha li tagħhom għandha konjizzjoni l-Qorti tal-Prim'Istanza.

---

1 Fis-seħħ mill-1 ta' Frar 2003.

2 Ara l-Artikoli 220 u 225A tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea kif ukoll l-Artikoli 136 u 140 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika. Ara ukoll id-Dikjarazzjoni Nru 16 dwar it-Trattat ta' Nizza.

*Lingwi disponibbli: kollha*

*Din l-informazzjoni għall-Istampa hija ukoll disponibbli fuq is-sit Internet tal-Qorti tal-Ġustizzja*
*http://curia.eu.int/fr/actu/communiques/index.htm*

*Għal aktar informazzjoni, int mitlub tikkuntattja lil Christopher Fretwell*
*Tel: (00352) 4303 3355 Fax: (00352) 4303 2731*